# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA
# (SEDE KOSTITUZZJONALI)
## ONOR. IMĦALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Kostituzzjonali Nru.: 17/2018 MH**

**Illum 26 ta' Jannar, 2022**

**Anthony Schembri (K.I. 671761M) u martu Jacqueline Schembri (K.I.635163M)**

**vs**

**Avukat Ġenerali u b'digriet tas-17 ta' Settembru 2018 s-soċjeta' AC Fuels Limited (C-60673) ġiet awtorizzata tintervjeni fil-kawża 'in statu et terminis'**

**Il-Qorti:**

Rat **ir-rikors kostituzzjonali tar-rikorrenti konjuġi Schembri tat-22 ta' Frar 2018** kif miżjud fuq awtorizzazzjoni tal-Qorti tas-17 ta' Ġunju 2020 permezz ta' liema ppremettew u talbu illi:

*"Rikors għal rimedju tal-istess konjuġi Anthony Schembri u Jacqueline Schembri.*

*Jesponu bir-rispett illi kontrihom saret kawża bin-numru 272/15 LM illi ġiet deċiża fl-14 ta' Diċembru 2015 u dan għar-raġuni illi l-istess Anthony Schembri u Jacqueline Schembri kienu ġew dikjarati kontumaċi.*

*Illi Anthony Schembri, fatt magħruf anke għall-atturi f'dik il-kawża ta' AC Fuels Ltd. Huwa bniedem mingħajr dawl u ilu hekk għal dawn l-aħħar ħames snin u bl-ebda fatt illi jista' jiġi ppruvat anke permezz tad-dokumentazzjoni mill-isptar.*

*Illi Anthony Schembri kien waqaf minn kwalunkwe negozju u xogħol illi kellu għax ma kienx possibbli għalih bil-mankament illi żviluppalu u saħansitra neħħa l-VAT Number u kwalunkwe oġġett ieħor li kellu x'jaqsam man-negozju ta' qabel u konsegwentement fatt magħruf lil AC Fuels Ltd. huwa kien maħruġ minn kwalunkwe negozju illi kellu mal-istess AC Fuels Ltd. Illi sfortunatament iben il-konjuġi Schembri, Christopher Schembri ID362782M kien involut fin-negozju ma' AC Fuels Ltd. u tella' kontijiet u kienu jafu bih u kienu jafu li qed jinnegozzjaw miegħu, tant hu hekk illi daħħluh fl-istess kawża. Pero` riedu jdaħħlu lil Anthony Schembri u lil Jacqueline Schembri għaliex waqt illi Christopher Schembri ma kellu xejn fuq ismu, Anthony Schembri u Jacqueline Schembri għandhom id-dar konjugali tagħhom. Il-bqija Anthony Schembri u Jacqueline Schembri, minħabba s-sitwazzjoni li jinsab fiha Anthony Schembri tal-eta` ta' 57 sena u li ilu irtirat għal sitt' snin, il-finanzi tagħhom spiċċaw fix-xejn anzi jgħixu bl-għajnuna soċjali.*

*Illi il-proċess illi sar jivvjola id-Dritt ta' Smigħ Xieraq skont l-Artiklu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u dan għal diversi raġunijiet.*

*Minkejja li t-taħrika tagħmel avviż illi kulħadd għandu jkellem avukat biex jirrispondi fi żmien għoxrin ġurnata skont l-Artiklu 156(2) tal-Kap. 12, filfatt m'hemm l-ebda provvediment illi jgħid illi min ma jkollux viżta għandu b'xi mod ikun mgħarraf saħansitra mill-Marixxal illi jikkonsenjalu l-istess taħrika x'rimedju jista' jkollu biex ikun jaf x'hemm u x'ma hemmx.*

*Illi il-liġi timponi li kellhom jiġu notifikati u kemm Anthony Schembri u kemm martu u mhux bizzejjed illi wieħed jgħid li ġiet notifikata martu meta kien hemm biss Jacqueline Schembri illi sfortunatament ukoll lanqas hija persuna li taf taqra sewwa u bilkemm għandha skola.*

*Illi filfatt ġara illi meta Anthony Schembri ittieħed il-qorti fid-data illi kienet notifikata lilu, huwa mar u stenna illi se jsir xi ħaġa imma f'dik id-data kien inqatel Dr. Carmel Chircop u s-seduta ġiet imħassra.*

*Illi fuq kollox hu kien qiegħed jistenna illi se jerġgħu b'xi mod jibgħatu għalih.*

*Illi jekk iżżomm rendikont tal-fatti hawn fuq esposti u s-saħħa ta' Anthony Schembri, kien mitlub minn għandu biex jista' jikkontesta t-talba l-ammont ta' €3264.30, liema somma definitivament ma kellux u m'għandux.*

*Illi dan l-ammont eżorbitanti għalih filfatt kien qiegħed jeskludih kompletament mill-possibilta` illi jiddefendi l-kas anke kieku kien jaf x'kienu l-implikazzjonijiet u x'obbligi kellu.*

*Illi issa wkoll il-kumpanija AC Fuels Ltd. meta irrealizzat li Christopher Schembri m'għandu xejn fuq ismu anzi jinstab il-ħabs, daret fuq il-ġenituri tiegħu ħalli teħdilhom id-dar tar-residenza tagħhom.*

*Illi għar-raġuni tan-notifika u għar-raġuni tad-depożitu eżorbitanti biex jista' jiddefendi l-kawża hemm ksur tal-Artiklu 6 tal-Fair Hearing tal-Konvenzjoni Ewropeja kif ukoll l-Artiklu tal-Kostituzzjoni fuq is-Smigħ Xieraq.*

*Għaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti jogħoġobha:*

*1. Tiddikjara illi fil-konfront tagħhom kien hemm ksur tal-Artiklu 6 u l-Artiklu 39 tal-Kostituzzjoni dwar is-Smigħ Xieraq u dan peress li Anthony Schembri ma ġiex notifikat skont il-kundizzjoni ta' saħħtu u ċioe` illi huwa bniedem nieqes mill-viżta u iż-żewġ konjuġi ġie mpost fuqhom ammont ta' depożitu biex jistgħu jiddefendu l-kawża li kienu estraneji għall-fatti tagħha b'mod xieraq u konsegwentement ġew mċaħħda minn kull dritt ta' smigħ*

*possibbli* ***u tiddikjara li l-artikolu 319(5) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta li jhalli l-bejgh ta' proprjeta tinbiegh anke biss b'sittin mil-mija tal-valur jilledi d-dritt fundamentali tal-esponenti kif protett bl-artikolu 37 tal-Kostituzzjonji ta' Malta u l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-drittijiet u Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem. (kawzali mizjud b'digriet tas-17 ta' Gunju, 2020)***

*2. Tagħti rimedju effettiv u dan preċiżament illi fil-konfront tagħhom tiġi mħassra u annullata is-sentenza imsemmija*

*3. Fit-tielet lok jingħataw kumpens xieraq għad-danni morali sofferti minnhom"*

Rat **ir-risposta tal-intimat Avukat Ġenerali tas-6 ta' Marzu 2018**[1] permezz ta' liema tressqu dawn l-eċċezzjonijiet –

*"Jesponi bir-rispett:*

*Illi t-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda fil-fatt u fid-dritt peress li ċ-ċirkostanzi tal-każ ma jirrappreżentaw l-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti ai termini tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali u dan għar-raġunijiet segwenti li qed jiġu hawn elenkati mingħajr preġudizzju għal xulxin:*

*1. a. Illi fl-ewwel lok u in linea preliminari, ai termini tal-proviso tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u tal-proviso tal-artikolu 4(2) tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta), hija l-umli fehma tal-*

[1] Fol 8 et seq

*esponent li din l-Onorabbli Qorti għandha tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha għaliex ir-rikorrenti kellhom rimedji ordinarji xierqa a disposizzjoni tagħhom,*

*jiġifieri l-ewwel u qabel kollox, appell mid-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti. Pero' kienu huma stess li għażlu li ma jħallsux il-garanzija meħtieġa skont il-liġi għaliex skont huma din il-garanzija kienet eżorbitanti u ma kellhomx biżżejjed flus biex iħallsuha;*

*b. Iżda tajjeb li jingħad li ai termini tal-artikolu 904 tal-Kap. 12, huma setgħu, kieku verament riedu, imexxu bil-cautio iuratoria u ċjoe l-beneficcju tal-garanzija bil-ġurament liema benefiċċju seta' jingħata lill-attur jew lill-appellant meta huwa juri prima facie li għandu probabilis causa litigandi fejn jaħlef li ma rnexxilux iġib dik il-garanzija meħtieġa skont il-liġi;*

*c. Illi mingħajr preġudizzju, jekk kellhom xi lment rigward l-ammont tal-garanzija, ir-rikorrenti setgħu wkoll jagħmlu rikors quddiem l-istess Qorti tal-Appell sabiex jikkontestaw l-ammont tal-garanzija. Dan juri biċ-ċar li r-rikorrenti ma eżawrixxewx ir-rimedji ordinarji a disposizzjoni tagħhom u għalhekk dawn il-proċeduri ta' natura straordinarja nfetħu b'mod intempestiv;*

*2. Illi preliminarjament ukoll, meta ġie stabbilit l-ammont tal-garanzija, ma ġew determinati l-ebda drittijiet jew obligazzjonijiet ċivili tar-rikorrenti u għalhekk, l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ma japplikawx f'dan ir-rigward;*

3. *Illi mingħajr preġudizzju għall-paragrafi preċedenti u fil-mertu, ir-rikorrenti għandhom jindikaw eżattament liema huma l-*Artikoli *li skont huma jiksrulhom id-drittijiet fundamentali tagħhom għal smigħ xieraq;*

4. *Illi għall-finijiet ta' korrettezza huwa l-*artikolu 156(1) *u mhux* is-sub-artikolu (2) *tal-Kap. 12 li jipprovdi li r-rikors ġuramentat għandu jkollu stampat b'ittri ċari u preċiżi li min jirċievi dan ir-rikors maħluf kontra tiegħu għandu jippreżenta r-risposta maħlufa tiegħu fi żmien għoxrin (20) jum mid-*data *tan-notifika, cioè minn meta jirċeviha;*

5. *Illi r-rikorrenti qed jisħqu li kienet Jacqueline Schembri li rċeviet id-dokumenti għaliex hija biss kienet hemm dak il-ħin.* Din *hija ammissjoni li tkompli* tikkonferma *li n-*notifika *fil-fatt kienet pożittiva;*

6. *Illi l-*esponenti jissottolinea *li kwalunkwe* persuna, bil-*viżta jew* mhux, *li mhix avukat jew midħla tal-qrati, għandha dejjem tkellem avukat malli tirċievi* dokument tal-Qorti. *Il-preżenza tal-marixxall hija prova ċara li d-*dokument *riċevut minnhom huwa relatat mal-qorti u li għaldaqstant min jirċievi tali* dokument *jeħtieġ direzzjoni pronta mingħand avukat;*

7. *Illi għal dak li jirrigwarda notifika, l-artkolu 187(1) tal-Kap. 12 jipprovdi li: "In-notifika tista' wkoll issir billi dik il-kopja titħalla fil-lok fejn toqgħod jew taħdem jew fil-*post *tax-xogħol jew fl-*indirizz *postali ta' dik il-persuna f'idejn* membru *tal-familja jew tad-dar jew f'idejn wieħed fis-servizz ta' dik il-persuna jew f'idejn il-prokuratur tagħha jew persuna awtorizzata minnha biex tirċievi l-*

*posta tagħha.” Issa fil-każ odjern, mir-rikors promotur jidher li kienet Jacqueline Schembri li rċeviet id-dokument u s-Sinjura Schembri hija parti mill-kawża u m'għandhiex il-problemi ta' viżta bħar-rikorrenti Anthony Schembri u għalhekk minkejja li forsi ma tafx taqra sewwa u m'għandhiex skola, setgħet faċilment tmur għand avukat u jispjega lilha u lir-rikorrenti l-oħra dak li hemm bżonn isir – preċiżament bħal kif għamlet fil-każ preżenti;*

*8. Illi f'dan il-kuntest, tajjeb li jiġi kkwotat il-prinċipju sagrosant derivat mid-dritt Ruman li jipprovdi li: "Ignorantia iuris neminem excusat" u minkejja l-fatt li r-rikorrenti setgħu ma fehmux jew ma kinux jafu jaqraw jew ma setgħux jaqraw dak li kien hemm miktub, dan il-fattur ma għandux jegħleb dak li tgħid il-liġi;*

*9. Illi kif inhu mgħallem, id-dritt għal smigħ xieraq irid ikun evalwat fir-rigward tat-totalità tal-proċeduri kollha u mhux fir-rigward ta' mumenti minnha u għalhekk ma jista' qatt jiġi aċċettat li r-rikorrenti jressqu dawn l-allegazzjonijiet wara li skartaw id-drittijiet kollha li kellhom għad-dispsozizzjoni tagħhom skont il-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Ir-rikorrenti ma jistgħux jużaw dawn il-proċeduri speċjali u din l-Onorabbli Qorti bħallikieku kienet Qorti tat-Tielet Istanza biex minflok jgħaddu mill-bieb jittantaw jgħaddu mit-tieqa;*

*10. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Għaldaqstant, l-esponent jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad il-pretensjonijiet kollha kif dedotti fir-rikors promotur bħala infondati fil-fatt u fid-dritt stante li r-rikorrenti ma sofrew l-ebda ksur tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fondamentali, u dan bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti."*

Rat **ir-risposta ulterjuri tal-intimat Avukat Ġenerali tal-25 ta' Ġunju 2020**[2] b'referenza għaż-żieda fil-kawżali u t-talbiet tar-rikorrenti permezz ta' liema tressqu dawn l-eċċezzjonijiet –

*Risposta tal-Avukat tal-Istat għar-rikors imressaq mir-rikorrent nhar il-11 ta' Novembru 2019*

*"Jesponi bir-rispett:*

*1. Illi preliminarjament, l-esponent jara li l-ilment tar-rikorrenti huwa bikri għaliex s'issa l-irkant ġudizzjarju għadu ma seħħx u għalhekk ir-rikorrenti għadu ma tilifx il-proprjetà in kwistjoni. Ir-rikorrenti mhux ġustifikat li jilmenta mil-limitu minimu ta' 60% imsemmi fl-artikolu 319(5) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta għaliex huwa ma jistax ibassar minn issa kemm sejra tinbiegħ il-proprjetà meta din is-subbasta sseħħ;*

*2. Illi preliminarjament ukoll, sa fejn l-ilment jolqot l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni, dan huwa mproponibbli għaliex ir-rikorrenti ma jistgħux jinvokaw id-dritt għat-tgawdija paċifika tal-proprjetà u dan speċifikament skont l-artikolu 37(2)(f) u (h) tal-Kostituzzjoni;*

[2] Fol 50 et seq

3. *Magħdud ma' dan, hemm ukoll l-artikolu 47(9) tal-Kostituzzjoni li jirrileva li ebda ħaġa fl-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ma għandha tolqot il-ħdim ta' xi liġi fis-seħħ minnufih qabel it-3 ta' Marzu 1962. Il-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta ġie fis-seħħ fl-1 ta' Awwissu 1855 u dan ifisser li l-artikolu 319(5) tal-Kap. 12 mhux milqut bl-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni;*

4. *Illi mingħajr preġudizzju għall-paragrafi preċedenti, fi kwalunkwe każ, fil-mertu, it-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu kategorikament miċħuda fil-fatt u fid-dritt u dan għaliex ma hemm l-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti ai termini tal-artikolu 37 ta' Kostituzzjoni;*

5. *Illi safejn l-ilment jirrigwarda l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali, tali lment huwa nfondat għaliex l-artikolu 319 tal-Kap. 12 qed jiffoka dwar miżura leġittima meħuda fl-interess pubbliku sabiex jiġi assigurat li kredituri jkunu jistgħu jiġbru dak li huwa dovut lilhom;*

6. *L-esponent jirrileva li l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, għandu jinqara kollu kemm hu u in fatti, skont il-proviso tal-istess artikolu, l-Istat għandu kull jedd li jgħaddi dawk il-liġijiet li jidhrulu xierqa skont l-interess ġenerali. Anki skont il-ġurisprudenza kostanti tal-Qorti ta' Strasburgu, l-Istat igawdi diskrezzjoni wiesgħa sabiex jidentifika x'inhu meħtieġ fl-interess ġenerali u x'miżuri għandhom jittieħdu sabiex jiġu ndirizzati dawk il-ħtiġijiet soċjali;*

7. *Illi tali diskrezzjoni tal-leġislatur m'għandhiex titbiddel sakemm din ma tkunx manifestament mingħajr bażi raġonevoli – li żgur ma hux il-każ għaliex*

*hemm bażi raġjonevoli li tiġġustifika l-promulgazzjoni tal-provvedimenti legali mniżżla fl-artikolu 319(5) tal-Kap. 12. Infatti, kif ġie ddikjarat fid-deċizjoni mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-30 ta' Lulju 2015 fl-ismijiet Anthony sive Antoine Vassallo u Antonia Vassallo vs HSBC Bank Malta plc., l-għan wara l-artikolu li qed jattakka r-rikorrenti u ċjoe l-artikolu 319(5) huwa speċifikament sabiex il-proprjetajiet ma jinbigħux għal prezz irriżorju jew ferm aktar baxx minn dak tas-suq, kif kien jiġri qabel ma daħal fis-seħħ dan l-artikolu tant importanti;*

8. *Illi importanti li jiġi ssodat il-prinċipju li wieħed irid iżomm bilanċ bejn id-drittijiet u l-interessi tal-kreditur u tad-debitur rispettivament, mingħajr ma jinħoloq preġudizzju lejn xi ħadd minnhom;*

9. *Illi għandhom jiġu segwiti l-prinċipji fundamentali tal-ekonomija liema prinċipji jissottolineaw in-neċessità li wieħed iqis id-domanda għal dik il-proprjetà għaliex jekk id-domanda għal dik il-proprjetà hija baxxa, allura awtomatikament il-prezz ser jinżel ukoll u ma jibqax il-prezz li bih tkun ġiet stmata l-proprjetà oriġinarjament;*

10. *Illi l-liġi fl-artikolu 313(1) tal-Kap. 12 tagħti dritt lid-debitur, kreditur jew persuni oħra interessati li jippubblikaw u jinfurmaw kull bejgħ partikolari f'liema gazzetta jridu jew ixandru dan fi kwalunkwe mezz ieħor ta' xandir. Permezz ta' dan l-artikolu, il-liġi qed tgħin sabiex f'dan il-bejgħ wieħed ikun jista' jġib l-ogħla prezz possibbli. Issa jekk din il-pubbliċità tant essenzjali ma ssirx, ir-rikorrenti ma jistgħux jiġu f'dan l-istadju jilmentaw li nkisrulhom id-drittijiet fundamentali tagħhom;*

*11. Illi l-esponent jerġa' jenfasizza li t-talbiet tar-rikorrent huma ipotetiċi u qed jinfaxxa rasu qabel jaqsamha;*

*12. Fid-dawl tal-paragrafi preċedenti, l-esponenti jtenni għal darb'oħra li ma hemm l-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem u dan in-nuqqas ta' ksur ġie kkonfermat ukoll mill-Qorti Kostituzzjonali nhar is-27 ta' Marzu 2020 fis-sentenza li qed jikkwotaw ir-rikorrenti stess fl-ismijiet Sebastiano Guccione vs l-Avukat Ġenerali et;*

*13. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Għaldaqstant, l-esponent jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad il-pretensjonijiet kollha tar-rikorrenti kif dedotti fir-rikors imsemmi bħala infondati fil-fatt u fid-dritt stante li r-rikorrenti ma sofrew l-ebda ksur tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali.*

*Bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti."*

Rat **ir-risposta tas-soċjeta' AC Fuels Limited tal-15 ta' Ottubru 2018**[3] permezz ta' liema tressqu dawn l-eċċezzjonijiet –

*"Risposta tas-socjeta AC Fuels Limited (C60673)*

[3] Fol 20

1. *Illi primarjament it-talbiet attrici imressqa minn Jacqueline Schembri ghandhom jigu michuda billi fir-rikors promotur lanqas ma hemm indikat li x'tip ta dritt allegatament inkisrilha Jacqueline Schembri;*
2. *Illi t-talbiet tal-attur l-iehor Anthony Schembri wkoll ghandhom jigu michuda billi li ma huwiex minnu li Anthony Schembri kien persuna nieqes mid-dawl fiz-zmien tal-kawza li minnha qieghdin jilmetaw l-atturi;*
3. *Illi in oltre l-atturi kellhom rimedji ohra ghajr ghall-kawza odjerna ossia l-appell tas-sentenza li minnha l-atturi qieghdin jallegaw li kewllhom ksur tad-drittijiet fundamentali taghhom;*
4. *Illi fi kwalsiasi kaz u hekk kif ghandu jirrizulta waqt it-trattazzjoni ta din il-kawza, l-atturi Schembri kienu debitament assistiti waqt il-kawza li minnha qieghdin iqajmu l-ksur tad-dritt fundamentali taghhom u dan hekk kif ghandu jirrizulta wkoll mill-verbal ta' dik il-kawza tal-4 ta' Mejju 2015;*
5. *Illi in oltre tali procedure huma biss intizi biex jitwalu l-proceduri ta' subbasta li hemm fil-konfront tal-atturi da parti tas-socjeta esponenti, stante illi tali allegat ksur tad-drittijiet fundamentali tqajjem biss issa fl-istadju ta meta l-Perit nominat mill-Qorti attenda ghand l-atturi biex jaghmel il-valutazzjoni tieghu ghas-subbasta tal-fond tal-atturi w ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu ddikjarati li saru b'mod frivoluz;*
6. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri;*

*Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett li dina l-Onorabbli Qorti jghogobha tichad it-talbiet attrici kollha billi li l-atturi ma sofrew ebda ksur tad-drittijiet fondamentali taghhom.*

Rat il-provi mressqa.

Rat l-atti tal-proċeduri allegati –

Rik Ġur 272/15 fl-ismijiet *AC Fuels Ltd vs Anthony Schembri et* deċiż fl-14 ta' Diċembru 2015;

Rikors Subbasta Nru 177/18 fl-ismijiet *AC Fuels Ltd vs Anthony Schembri et* u

Rikors Subbasta Nru 34/16 ukoll f'isem *AC Fuels Ltd vs Anthony Schembri et*

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tar-rikorrenti.

Rat illi l-partijiet l-oħra fil-kawża naqsu li jressqu Nota ta' Sottomissjonijiet minkejja li ngħataw terminu sabiex jagħmlu dan.

Rat li l-kawża ġiet differita għall-lum għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

**Ikkunsidrat:**

Ir-rikorrenti jilmentaw li sofrew ksur tad-drittijiet fundamentali tagħhom kif protetti –

- **bl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta ("Il-Kostituzzjoni) u bl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali ("Konvenzjoni")** in konnessjoni mal-proċeduri Rik Nru 272/15LM fl-ismijiet *AC Fuels Ltd vs Anthony Schembri et* deċiż fl-14 ta' Diċembru 2015. Dan stante li (a) ir-rikorrent ma ġiex notifikat skont il-kundizzjoni ta' saħħtu u ċioe' bħala persuna li hu nieqes mill-vista; u (b) ġie impost fuq iż-żewġ konjuġi ammont ta' depożitu li kellhom iħallsu sabiex jiddefendu ruħhom fil-kawża li huma ma kellhomx mezzi għalih;

- **bl-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u bl-ewwel artikolu tal-ewwel protokol tal-Konvenzjoni** stante li l-artikolu 319 (5) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta jippermetti l-bejgħ ta' proprjeta' b'subbasta għal valur inqas minn dak tas-suq.

L-intimat Avukat Ġenerali u s-soċjeta' ntervenuta jirrespinġu dawn il-pretensjonijiet bħala nfondati fil-fatt u fid-dritt.

**A. <u>Eċċezzjonijiet preliminari</u>**

1. L-Avukat Ġenerali u l-intervenuta fil-kawża AC Fuels Ltd issollevaw eċċezzjonijiet preliminari fejn stiednu lill-Qorti tiddeklina milli teżerċita l-poteri kostituzzjonali tagħha stante d-disponibilita' ta' rimedju ordinarju għar-rikorrenti u ċioe' li setgħu intavolaw appell mis-sentenza tal-Qorti tal-14 ta' Diċembru 2015 fil-każ 272/15. Dan l-appell baqa' ma sarx.

**L-Artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni** jipprovdi li:

*"(2) Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għandu jkollha ġurisdizzjoni oriġinali li tisma' u tiddeċidi kull talba magħmula minn xi persuna skont is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, u tista' tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq ta' kull waħda middisposizzjonijiet tal-imsemmija artikoli 33 sa 45 (magħdudin) li għall-protezzjoni tagħhom tkun intitolata dik il-persuna:*

*Iżda l-Qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skont dan is-subartikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skont xi liġi oħra."*

Ingħad hekk fil-każ **John Grech et vs Onor. Prim Ministru et deċiża fid-29 t'April 2013**[4] u konfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fil-31 ta' Jannar 2014 -

*"Illi din il-kwistjoni ġiet dibattuta diversi drabi fil-Qrati tagħna. Il-Qorti Kostituzzjonali daħlet fil-fond tagħha fis-sentenza tagħha fil-kawża fl-ismijiet "Dr Mario Vella vs Joseph Bannister nomine" (deċiża fis-7 ta' Marzu 1994) fejn, wara li elenkat numru ta' sentenzi preċedenti, qalet fost affarijiet oħra illi:*

*"Minn din ir-rassenja kemm tal-Prim' Awla u kemm ta' din il-Qorti jistgħu jitnisslu dawn il-linji ġurisprudenzjali:*

*a. Meta hu ċar li hemm mezzi ordinarji disponibbli għar-rikorrenti biex ikollu rimedju għad-danni li qed jilmenta, bħala prinċipju ġenerali dawn għandhom jiġu adoperati u r-rikors għall-organi ġudizzjarji ta' natura Kostituzzjonali għandu jsir wara li l-ordinarji jiġu eżawriti jew meta mhumiex disponibbli;*

*b. Din il-Qorti Kostituzzjonali sakemm ma jirriżultawlhiex raġunijiet serji gravi ta' llegalita' jew ta' ġustizzja jew żball manifest ma tiddisturbax l-eżerċizzju ta' diskrezzjonalita' tal-ewwel Qorti kkonferita mill-artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni;*

*c. Kull każ għandu l-fattispeċje partikolari tiegħu;*

*d. Meta r-rikorrenti ma jkunx għamel użu minn rimedju li seta' kellu dan ma jfissirx li l-Qorti għandha tikkonsidra li ma għandhiex teżerċita l-ġurisdizzjoni tagħha jekk dak il-possibbli rimedju ma kienx pero' jirrimedja ħlief in parti l-lanjanzi tar-rikorrenti;*

*e. Meta r-rikorrenti ma jkunx eżawrixxa r-rimedju ordinarji, jekk pero' dan in-nuqqas ikun ikkontribwixxa għalih l-operat ta' ħaddieħor allura ma jkunx desiderabbli illi l-Qorti tieqaf u ma tipproċedix bit-trattazzjoni tal-każ;*

*f. Meta l-ewwel Qorti teżerċita d-diskrezzjoni tagħha u tieqaf mit-trattazzjoni mingħajr ma teżamina l-materja neċessarja li fuqha dik id-diskrezzjoni għandha tiġi eżerċitata, il-Qorti tat-tieni grad għandha twarrab dik id-diskrezzjoni."*

*Illi l-istess Qorti fil-kawża fl-ismijiet "Philip Spiteri vs Sammy Meilaq" (deċiża fit- 8 ta' Marzu 1995) qalet ukoll li:*

*"Meta l-oġġett tal-kawża jkun ta' natura komplessa – u jkollu kwistjonijiet li għandhom rimedju f' xi liġi oħra, u oħrajn li ma għandhomx, rimedju ħlief Kostituzzjonali – allura għandha tipprevali din l-aħħar azzjoni". F'din is-*

[4] Rik Nru 68/11

*sentenza l-Qorti osservat li jkun sewwa li mal-kelma 'komplessa' jiżdied il-kliem 'jew inkella mħallta'.*

……

*Fil-kawża fl-ismijiet "Maria sive Marthese Attard et vs Policy Manager tal-Malta Shipyards et" (deċiża mill-Prim' Awla, Sede Kostituzzjonali, fit-30 ta' Settembru 2010) ġie dikjarat illi:*

*"L-eżistenza ta' rimedju ieħor trid titqies fil-kuntest tal-allegat ksur tad-dritt fundamentali. Għandu jkun rimedju aċċessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza dan il-ksur. Fl-istess waqt ma hemmx għalfejn li biex jitqies effettiv ikun jirriżulta li r-rimedju sejjer jagħti lir-rikorrenti suċċess garanti. Huwa biżżejjed li jintwera li jkun wieħed li jista' jiġi segwit b'mod prattiku, effettiv u effikaċi.*

*Meta jidher li jeżistu mezzi ordinarji disponibbli biex jikseb rimedju għall-ilment tiegħu r-rikorrent għandu jirrikorri għal dawk il-meżżi, qabel ma jirrikorri għar-rimedju Kostituzzjonali u huwa biss wara li jkun fittex dawk il-meżżi jew wara li jidher li dawk il-meżżi ma jkunux effettivament disponibbli li għandu jintuża r-rimedju Kostituzzjonali."*

*Illi f'dan is-sens wieħed jista' jsib ukoll l-insenjament fir-rigward fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet "Joseph Fenech vs Awtorita' tal-Ippjanar et" deċiża fid-9 ta' Novembru 2012….*

*Illi wieħed għandu jqis li kemm l-artikolu invokat mill-intimati u kemm il-Kostituzzjoni ta' Malta ssemmi mezzi li 'kienu disponibbli' u allura anke jekk kien hemm meżżi li 'kienu' disponibbli għar-rikorrent iżda li minħabba t-trapass taż-żmien ma jkunux għadhom (disponibbli), il-Qorti tista' jekk hekk jidhrilha tiddeklina li teżerċita l-ġurisdizzjoni tagħha."*

Ukoll il-każ **Sonia Zammit et vs Ministru tal-Politika Soċjali et deċiż fis-27 ta' Frar 2006**[5] b'riferenza għal aktar ġurisprudenza elenka fost oħrajn dawn il-prinċipji:

"*Meta huwa ċar li hemm mezzi ordinarji disponibbli għar-rikorrent biex ikollu rimedju għad-dannu li qed jillamenta, bħala prinċipju ġenerali dawn għandhom*

[5] Prim Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) Rik Nru 11/2005

*jiġu adoperati, u r-rikors għall-organi ġudizzjarji ta' natura kostituzzjonali għandu jsir wara li l-ordinarji jiġu eżawriti jew meta ma humhiex disponibbli.*"[6]

*"Hu veru li kull persuna tista' tirrikorri lill-Prim Awla għal rimedju ta' indole Kostituzzjonali, imma l-ewwel subinċiż ta' dak l-Artikolu 46 irid jigi moqri mal-proviso tat-tieni subinċiż tiegħu li jipprovdi li l-Qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skond dak l-artikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat 'huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skond xi liġi oħra.'"*[7]

*"Sakemm tibqa' l-possibilita' li l-leżjoni tad-dritt fundamentali setgħet kienet jew għad tista' tiġi rettifikata bil-proċeduri u mezzi provduti bil-liġi, ikun ġeneralment il-każ li l-Qorti tiddeklina milli teżerċita s-setgħat kostituzzjonali taghha."*[8]

*"Il-Prim Awla tal-Qorti Civili għandha poteri diskrezzjonali wiesgħa biex tiddeċiedi li ma teżerċitax il-poteri tagħha meta r-rikorrent ma eżawriex ir-rimedji possibbli taħt il-liġi ordinarja."*[9]

Isegwi għalhekk li l-Qorti jeħtiġilha tindaga jekk, fiċ-ċirkustanzi tal-każ odjern ir-rikorrenti kellhomx a dispożizzjoni tagħhom rimedji ordinarji li kienu aċċessibbli, xierqa, effettivi u effikaċi għall-ilmenti mressqa minnhom.

Madankollu jispetta dejjem lill-Qorti d-diskrezzjoni li - fil-parametri tad-dispożizzjonijiet ċitati mill-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni - tagħżel HI jekk teżerċitax is-setgħat kostituzzjonali tagħha jew le, u dan indipendentement mill-fatt li min iressaq l-ilment ikollu jew kellu mezzi oħra ta' rimedju ordinarju disponibbli.

Kif ingħad fil-każ **George Debono et vs Kustodju tal-Proprjeta' tal-Għadu et deċiż fil-25 ta' Mejju 2016**[10]:

"*….d-dispożizzjonijiet tal-proviso tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 4(1) tal-Konvenzjoni jitkellmu dwar diskrezzjoni, jiġifieri dwar għażla*

---

[6] **Dr Mario Vella vs Joseph Bannister noe** – Qorti Kostituzzjonali deciza 7 ta' Marzu 1994
[7] **Lawrence Cuschieri vs Onor Prim Ministru** – Qorti Kostituzzjonali deciza 6 t'April 1995.
[8] **Stephen Falzon vs Reġistratur tal-Qorti et** – Qorti Civili Prim Awla (Sede Kostitizzjonali) deciza 14 ta' Frar 2002
[9] **Domenico Savio Spiteri vs Chairman Planning Authority et**" – Qorti Kostituzzjonali deciza 31 ta' Mejju 2000
[10] Rik 40/10

*li titħalla f'idejn il-Qorti u mhux dwar impożizzjoni ta' twarrib milli twettaq xogħolha;"*

Il-Qorti tqis li din l-eċċezzjoni hija nfondata fil-fatt u fid-dritt. L-appell mis-sentenza Rik 272/15, li kieku sar, kien ikun ikopri biss il-mertu ta' dak il-każ. Il-lanjanzi fil-kawża odjerna mhumhiex ippernjati fuq il-mertu ta' dak il-każ *per se* iżda fuq it-tħaddim tal-liġi u r-regoli proċedurali applikati għall-każ imsemmi in kwantu dawn allegatament jiksru d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti. Kwindi appell quddiem il-Qrati ordinarji ma kien ser iwassal imkien għal fini tal-ilmenti li tressqu quddiem din il-Qorti u għalhekk ir-rimedju ndikat mill-Avukat Ġenerali u minn AC Fuels Limited ma jistax jitqies bħala rimedju effikaċi u effettiv.

**L-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-Avukat Ġenerali u t-tielet eċċezzjoni ta' AC Fuels Limited sejrin għalhekk jiġu respinti.**

2. Is-soċjeta' ntervenuta fil-kawża teċċepixxi in linea preliminari li t-talbiet tar-rikorrenti Jacqueline Schembri għandhom jiġu respinti stante li r-rikors promotur ma jindikax x'tip ta' dritt allegatament inkisrilha.

Din l-eċċezzjoni hija meqjusa nfondata. Filwaqt li parti mill-lanjanzi huma marbuta mal-allegata diżabilita' tar-rikorrent Anthony Schembri, l-bqija tal-lanjanzi huma naxxenti minn ilmenti komuni għaż-żewġ rikorrenti, senjatament dwar l-ammont ta' depożitu li kellhom iħallsu sabiex jiddefendu l-kawża kif ukoll dwar il-fatt li l-liġi tippermetti l-bejgħ ta' proprjeta' b'subbasta għal valur inqas minn dak tas-suq.

Għalhekk il-pretensjonijiet tagħha huma ben deċifrabbli mit-termini tal-kawżali u t-talbiet.

**L-ewwel eċċezzjoni preliminari tas-soċjeta' ntervenuta sejra tiġi respinta.**

**B. <u>Allegazzjoni ta' ksur tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni</u>**

1. L-ilmenti tar-rikorrenti ai termini ta' dawn l-artikoli huma marbutin mal-proċeduri Rik Nru 272/15LM fl-ismijiet *AC Fuels Ltd vs Anthony Schembri et* deċiż fl-14 ta' Diċembru 2015 li mill-atti tagħhom jirriżulta li –

i. Fit-23 ta' Marzu 2015 is-soċjeta' AC Fuels Ltd intavolat proċeduri kontra Anthony Schembri u ibnu Christopher Schembri, flimkien eżerċitanti l-kummerċ taħt l-isem Schembri Fuels u Jacqueline Schembri għal kull interess li jista' jkollha. L-għan tal-proċeduri kien sabiex titħallas is-somma ta' €180,352.28 rappreżentanti prezz ta' fuel mibjugħ u kkonsenjat lill-konvenuti;

ii. Il-konvenuti Anthony u Jacqueline Schembri ġew notifikati fit-30 t'April 2015[11]. Skont ir-riferta tal-Marixxall, Anthony Schembri ġie notifikat bir-rikors ġuramentat, Digriet, Avviż u dokumenti f'idejh personali. Skont ir-riferti, anke martu ġie notifkata bl-atti msemmija f'idejha personalment. Il-konvenut binhom ġie notifikat aktar 'il quddiem bil-proċedura tal-affissjoni.

iii. Fil-kawża saru s-segwenti seduti –

- **4 ta' Mejju 2015** – L-ewwel seduta tas-smiegħ tal-kawża li għaliha kien preżenti id-difensur tas-soċjeta' attriċi kif ukoll l-Avukat David Gatt għan-nom tal-konvenuti. Peress li kien għadu għaddej it-terminu għar-risposta ġuramentata tal-konjuġi Schembri u kien għad jonqos in-notifika tal-konvenut Christopher Schembri il-kawża ġiet differita għall-eżami tar-risposta ġuramentata tal-konjuġi Schembri u għan-notifka tal-konvenut l-ieħor għad-29 ta' Mejju 2015;

[11] Fol 27

- **29 ta' Mejju 2015** – Għas-seduta deher biss l-Avukat Jonathan Abela għas-soċjeta attriċi. Il-konvenuti Anthony Schembri u Jacqueline Schembri msejjħin tliet darbiet ma dehrux. Peress li l-konvenuti Anthony u Jacqueline Schembri għalkemm kienu debitament notifikati naqsu li jippreżentaw risposta maħlufa, il-Qorti ddikjarathom kontumaċi. Peress ukoll li kien għad jonqos in-notifika tal-konvenut Christopher Schembri, il-Qorti qed awtorizzat in-notifika li ssir direttament fil-bini tal-Qorti, u l-kawża għan-notifika għall-1 ta Lulju 2015;

- **1 ta Lulju 2015** - Għas-seduta deher biss l-Avukat Jonathan Abela għas-soċjeta attriċi. Il-konvenuti konjuġi Schembri msejjħin tliet darbiet ma dehrux. Peress ukoll li kien għad jonqos in-notifika tal-konvenut Christopher Schembri, il-kawża ġiet differita għan-notifika għat-8 t'Ottubru 2015;

- **8 t'Ottubru 2015** - Għas-seduta deher biss l-Avukat Jonathan Abela għas-soċjeta attriċi. Il-konvenuti Schembri msejjħin tliet darbiet ma dehrux. Il-Qorti nnutat li għalkemm il-konvenuti kollha kienu notifikati naqsu li jippreżentaw r-risposta maħlufa tagħhom entro t-terminu mogħti mil-liġi u għalhekk kienu kontumaċi. Fuq talba tas-soċjeta' attriċi l-Qorti estendiet iż-żmien għall-provi tagħha. Il-kawża ġiet differita għall-kontinwazzjoni provi attriċi għas-16 ta' Novembru 2015.

  (Il-verbal ta' din is-seduta jikkuntrasta ferm mal-allegazzjoni tar-rikorrenti li jallegaw li dakinhar kienet l-unika darba li telgħu l-Qorti izda s-seduta tħassret minħabba li kien seħħ il-qtil ta' avukat)

- **16 ta' Novembru 2015 -** Meta ssejħet il-kawża deher l-Avukat tas-soċjeta' attrici. Għall-konvenuti ma deher ħadd. Xehed bil-ġurament l-avukat tas-soċjeta' attriċi. Il-konvenuti ngħataw il-fakolta li fi żmien għaxart ijiem jipprezentaw nota ta' sottomissjonijiet a tenur tal-Artikolu 158(10) tal-Kap 12. Il-kawża ġiet differita għas-sentenza għall-14 ta' Diċembru 2015.

- **14 ta' Diċembru 2015** – Ingħatat is-sentenza fil-kawża msemmija fejn il-Qorti ddeċidiet hekk -

*"Għar-raġunijiet kollha premessi, u tenut kont tad-dokumenti u xhieda mressqa mis-soċjetà attriċi, hemm provi biżżejjed in sostenn tat-talbiet attriċi u fil-kontumaċja tal-konvenuti, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi –*

*1. Tiddikjara li s-soċjetà attriċi hija kreditriċi tal-konvenuti, in solidum, fl-ammont ta' mija u tmenin elf, tliet mija u tnejn u ħamsin euro u tmienja u għoxrin ċenteżmu (€180,352.28) rappreżentanti prezz ta' fuel mibjugħ u kkonsenjat lill-konvenuti skont l-istatement anness mar-Rikors Maħluf u mmarkat bħala Dok. ACF2;*

*2. Tikkundanna lill-konvenuti, in solidum, fl-ammont ta' mija u tmenin elf, tliet mija u tnejn u ħamsin euro u tmienja u għoxrin ċenteżmu (€180,352.28) kif ukoll l-imgħax legali fuq l-ammont individwalment fatturati mid-dati tar-rispettivi fatturi skont kif elenkati fl-istatement anness mar-Rikors Maħluf u mmarkat bħala Dok. ACF2, sal-ġurnata tal-pagament effettiv.*

*Bl-ispejjeż kollha ta' din il-kawża a karigu tal-konvenuti."*

3. Minn dik is-sentenza ma sar ebda appell.

4. Fix-xhieda tiegħu bl-affidavit fil-proċeduri ta' subbasta Rik 177/18[12] ir-rikorrent qal li kien ilu bla dawl għal sitt snin u meta ġew il-karti tal-Qorti

[12] Fol 97

d-dar irċevithom martu u qrathom ukoll iżda hu ma setax. Kienu marru għand avukat li talabhom is-somma ta' €4300 biex jiddefendihom u meta wieġeb li ma kellux dawk il-flus biex iħallas, dan qallu li l-kawża *'walkover'*. Peress li kellu n-notifika biex jidher il-Qorti, huwa attenda b'sagrifiċċju fit-8 t'Ottubru 2015 iżda din tħassret minħabba li l-qtil ta' avukat li kien seħħ proprju dakinhar.

5. Fix-xhieda tagħha bl-affidavit fil-kawża odjerna, Jacqueline Schembri[13] qalet li kienet hi li rċeviet il-karti tal-Qorti u għaddiethom lil żewġha. Hija xehdet ukoll dwar l-episodju meta marru għand l-avukat u meta marru l-Qorti għalxejn fit-8 t'Ottubru 2015.

6. Ir-rikorrenti u anke binhom Christopher Schembri taw ukoll dettalji dwar ir-retroxena li wasslet għall-proċeduri Rik 272/15.

**L-artikolu 39 (2) tal-Kostituzzjoni** jipprovdi hekk -

*"Kull qorti jew awtorità oħra ġudikanti mwaqqfa b'liġi għad-deċiżjoni dwar l-eżistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi ċivili għandha tkun indipendenti u imparzjali; u meta l-proċeduri għal deċiżjoni bħal dik huma mibdija minn xi persuna quddiem qorti jew awtorità oħra ġudikanti bħal dik, il-każ għandujiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli."*

**L-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni** jipprovdi hekk –

*"In the determination of his civil rights and obligations or of any criminal charge against him, everyone is entitled to a fair and public hearing within a reasonable time by an independent and impartial tribunal established by law"*.

Din il-Qorti qalet hekk fil-każ **Mark Formosa vs Is-Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex noe et deċiż fil-15 ta' Novembru 2019 -**

[13] Fol 25

*"Il-Qorti tissottolinea li kif jispjegaw tajjeb kemm diversi awturi kif ukoll l-istess ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea, l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni jiggarantixxi d-dritt għal smiegħ xieraq li jinkorpora s-segwenti prinċipji:*

*"…the Strasbourg authorities have interpreted Article 6 as providing, as aspects of the general right to a fair hearing, the following implied rights:*

*(a) the right of access to the courts*
*(b) the right to be present to an adversarial hearing*
*(c) the right to equality of arms*
*(d) the right to a fair presentation of the evidence*
*(e) the right to cross-examine and*
*(f) the right to reasoned judgement*[14]*."*

*Dawn il-prinċipji huma garantiti wkoll fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.*

*(.....)*

*Fil-każ* ***Emanuel Gauci vs Avukat Ġenerali deċiż fit-12 ta' Mejju 2006*** din il-*Qorti diversament preseduta qalet hekk dwar din il-materja in eżami –*

*"In effett il-Qorti Ewropeja fil-każ fl-ismijiet* ***Belez and Others v. Czech Republic*** *(12 ta' Novembru 2002) irriteniet –*

*"The Court has already stated on a number of occasions that the right to a fair trial, as guaranteed by Article 6(1) of the Convention, must be construed in the light of the rule of law, one of the fundamental aspects of which is the principle of legal certainty, which requires that all litigants should have an effective legal remedy enabling them to assert their civil rights. ... It further reiterates that the rules governing the formal steps to be taken and the time-limits to be complied with in lodging an appeal are aimed at ensuring the proper administration of justice and compliance, in particular, with the aforementioned*

[14] Clayton R. & Tomlinson H, 2001, Fair Trial Rights, Oxford, pg-88-89

*principle of legal certainty. That being so, the rules in question, or the manner in which they are applied, should not prevent litigants from using an available remedy. ... A procedural rule has been construed in such a way as to prevent the applicants' action being examined on the merits, with the attendant risk that their right to effective protection would be infringed ... Consequently, the Court finds that in deciding, on the basis of a particularly strict construction of a procedural rule, not to examine the merits of the case, the domestic courts undermined the very essence of the applicants' right to a court, which is part of their right to a fair trial guaranteed by Article 6(1) of the Convention. There has therefore been a violation of Article 6(1) of the Convention;"*

*Hu importanti għalhekk li kollox jiġi interpretat fid-dawl tal-prinċipju tar-"rule of law".*

L-ewwel parti tal-ilment tar-rikorrenti huwa dwar in-notifika li rċieva Anthony Schembri għall-kawża surreferita Rik Nru 272/15LM. Huwa jargumenta li ma ngħatax smiegħ xieraq kif sanċit fil-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni għax il-liġi, senjatament l-artiklu 156 tal-Kap 12, ma tagħmel ebda distinzjoni a bażi ta' diżabilita' ta' persuna, u fil-każ tar-rikorrent (li jgħid li hu nieqes mid-dawl) sab ruħu b'dokumenti mibgħuta lilu u li kien mistenni minnu li jaqrahom, jifhimhom u jaġixxi malajr fuqhom mingħajr estensjoni ta' żmien. Huwa jilmenta li l-liġi ma tipprovdix għal sitwazzjonijiet fejn min ma jkollux vista jiġi mgħarraf mill-Marixxal li jikkonsenjalu t-taħrika x'rimedju jista' jkollu biex ikun jaf x'hemm u x'ma hemmx. Isemmi wkoll l-istitut tal-kontumaċja li bbażat kif inhu fuq sistema ta' 'one size fits all', fil-fehma tiegħu huwa nġust għax f'każijiet bħal tiegħu hemm diffikultajiet li kull fejn imur irid ikun mgħejun minn ħaddieħor u *"jekk ma jirrispondix f'għoxrin jum il-każ jiġi dikjarat li rebħu min mexxa l-kawża*[15]*"* . Dan kollu għalih imur kontra l-prinċipju ta' smiegħ xieraq.

[15] Fol 61

Tenut kont li r-rikorrenti qegħdin jibbażaw din il-parti tal-ilment fuq il-premessa li r-rikorrent sofra l-allegat nuqqas ta' smiegħ xieraq kawża tal-fatt li huwa nieqes mid-dawl u li b'hekk safa żvantaġġjat fid-difiża tiegħu, il-Qorti kienet tistenna bħala punt tat-tluq li r-rikorrent iressaq prova fattwali u konkreta li din l-allegata diżabilita' kienet diġa' teżisti fil-mument li ġie notifikat bl-atti tal-kawża Rik 272/15. Ħjiel ta' tali prova ma teżistix, la fl-atti tal-kawża odjerna u lanqas fl-atti tal-proċeduri allegati.

Din il-prova kienet aktar neċessarja fid-dawl tal-fatt li fit-tieni eċċezzjoni tagħha s-soċjeta' AC Fuels Ltd qegħda tirribatti din l-allegazzjoni tar-rikorrent u tiċħad li huwa kien nieqes mid-dawl fiż-żmien tal-kawża Rik 272/15.

Fi kwalunkwe każ, il-Qorti hija tal-fehma li xorta ma jirriżultax li r-rikorrenti ġarrbu ksur tad-dritt fundamentali għal smiegħ xieraq kif minnhom allegat.

**L-artiklu 156 u 157 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** jipprovdu hekk -

*"156.(1) Ir-rikors ġuramentat għandu jitlesta mill-attur u għandu jkun fih –*

*(.....)*

*(d) f'kull rikors ġuramentat għandu jkun hemm stampat b'ittri ċari u preċiżi taħt l-intestatura tal-Qorti dan il-kliem li ġej:*

*"Min jirċievi dan ir-rikors maħluf kontra tiegħu għandu jippreżenta r-risposta maħlufa tiegħu fi żmien għoxrin (20) jum mid-data tan-notifika, cioè minn meta jirċeviha. Jekk ma tiġix ippreżentata r-risposta maħlufa bil-miktub kiftrid il-liġi saż-żmien imsemmi, il-Qorti tgħaddi biex tagħti d-deċiżjoni skont il-liġi.*

*Għalhekk huwa fl-interess ta' min jirċievi dan ir-rikors maħluf li jkellem avukat bla dewmien sabiex il-Qorti tisma' x'għandu xi jgħid fil-kawża."*

*(2) Flimkien mar-rikors ġuramentat għandhom jinġiebu d-dokumenti meħtieġa biex isaħħu t-talba.*

*(....)*

*(6) Ir-rikors ġuramentat għandu jiġi notifikat lill-konvenut.*

*(....)*

*158.(1) Il-konvenut għandu jippreżenta r-risposta ġuramentata tiegħu fi żmien għoxrin jum mid-data tan-notifika, kemm-il darba ma jkunx se jammetti t-talba."*

Dak li tgħid il-liġi huwa li persuna li tiġi mħarrka biex tkun parti f'kawża bħala konvenutta għandha tfittex għajnuna legali sabiex twieġeb għall-kawża entro t-terminu ta' għoxrin jum. Fil-fehma tal-Qorti din hija regola ċara u aċċessibbli għal kull persuna ugwalment, irrispettivament mill-istat tagħha, litterata jew le, b'diżabilita' jew le. Lanqas ma jirriżulta li dan it-terminu huwa spropozjonat fir-rigward tal-eżerċizzju tad-drittijiet taċ-ċittadini fejn jidħol smiegħ xieraq. Anzi, perjodu ta' għoxrin jum huwa meqjus bħala żmien biżżejjed u raġjonevoli biex wieħed jieħu l-passi kollha neċessarji li hemm bżonn sabiex jistrada d-difiża tiegħu, inkluż bil-preżentata ta' risposta ġuramentata.

Ħarsa lejn il-fattispeċje tal-każ odjern iwassal lill-Qorti għall-konklużjoni li r-rikorrenti ma ġewx preġudikati fid-dritt tagħhom għal smiegħ xieraq. Ta' min jinnota fl-ewwel lok li fattwalment, skont ir-riferti fil-proċess tal-kawża Rik Nru 272/15, l-atti tal-kawża tħallew f'idejn kull wieħed mir-rikorrenti b'mod personali[16] u mhux f'idejn Jacqueline Schembri biss. Pero' anke jekk kien il-każ

[16] Fol 27 tal-kawża Rik Nru 272/15

li rċeviethom hi, in-notifika xorta hija meqjusa valida ai termini tal-artikolu 187 (1) tal-Kap12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Inoltre, kif jixhdu l-provi stess, wara li saret id-debita notifika tal-atti tal-kawża lill-konjuġi Schembri huma rrikorrew tempestivament għand l-avukat ta' fiduċja tagħhom Dr David Gatt għall-parir u dan saħansitra deher u rrapreżentahom fl-ewwel dehra tal-kawża msemmija. F'dik l-istess seduta, fil-preżenza tal-avukat tagħhom, il-Qorti vverbalizzat li kien għadu qed jiddekorri t-terminu għall-preżentata tar-risposta tagħhom. Issa jekk minkejja dan, ir-rikorrenti qed jgħidu li ma kellhomx il-mezzi biex iħallsu għad-difiża tagħhom, huma xorta ma kinux imċaħħda mid-dritt tal-aċċess għall-Qorti għax il-liġi stess tipprovdi għal rimedju effettiv u effikaċi permezz tal-benefiċċju tal-avukat tal-għajnuna legali għal dawk li jikkwalifikaw għalih. Opportunita' oħra din li r-rikorrenti, għal raġunijiet li jafu huma biss, naqsu milli jużufruwixxu ruħhom minnha jekk kellhom diffikultajiet finanzjarji.

Il-Qorti hija konvinta illi li kieku r-rikorrenti riedu verament jiddefendu l-interessi tagħhom fil-kawża Rik Nru 272/15 huma kellhom a dispożizzjoni tagħhom l-għodda kollha li ttihom il-liġi sabiex jagħmlu dan u mhemmx kwistjoni ta' nuqqas ta' smiegħ xieraq jekk huma minflok għażlu li jimxu mod ieħor. Dan aktar u aktar fid-dawl tal-fatt li minn riċerka sempliċi li wettqet il-Qorti fis-sit pubbliku eCourts.gov.mt rriżultalha li proprju circa tlett xhur qabel ma ġiet intavolata l-kawża Rik Nru 272/15 ir-rikorrent Anthony Schembri kien ġie mħarrek bħala konvenut fil-kawża Rik Nru 1189/14 fl-ismijiet *Enemalta plc vs Anthony Schembri* (deċiża fit-12 ta' Frar 2016). F'dik il-kawża Schembri mhux talli deher - u anke hemm iddikjara li kien nieqes mid-dawl - talli wkoll irnexxielu b'suċċess jiġġustifika l-kontumaċja tiegħu u jibbenefika mis-servizz tal-għajnuna legali tul dik il-kawża. Dan juri li fejn ried il-konvenut kien ben kapaċi u konoxxenti biex juzufruixxi l-oportunitajiet kollha li tagħtih il-liġi biex jassigura li jiddefendi sew lilu nnifsu u jkollu smiegħ xieraq. Dan ikompli juri li l-kundizzjoni u l-istat ta' persuna, huma x'inhuma, mhumhiex żvantaġġjati quddiem il-liġi, għal dawk li jiddeċiedu li jutilizzaw il-mezzi konċessi mill-liġi. Pero ma jistax bniedem li jitraskura dawn l-opportunitajiet imbagħad jilmenta minn ksur Kostituzzjonali/Konvenzzjonali ta' nuqqas ta' smiegħ xieraq.

Inoltre, lanqas huma korretti r-rikorrenti fl-argumenti tagħhom dwar l-istitut tal-kontumaċja. Mhwhiex minnu dak li jgħidu r-rikorrenti li *"r-regola tal-kontumaċja li hemm għoxrin ġurnata biex jirrispondi u jekk ma jirrispondix il-każ jiġi ddikjarat li rebħu min mexxa l-kawża[17]"*. Għall-kuntrarju, kif inhu kristalizzat fil-ġurisprudenza, nonostante l-fatt li l-konvenuti f'kawża jkunu

[17] Fol 61

baqgħu kontumaċi, l-atturi xorta jkun jeħtiġilhom jippruvaw il-pretensjonijiet tagħhom sal-grad rikjest mill-liġi. Dan stante li l-kontumaċja mhijiex meqjusa bħala ammissjoni iżda kontestazzjoni tal-pretensjonjiet attriċi.

Fil-każ **Helen Miceli et vs Carmelo sive Charles Pisani deċiż fit-28 t'Ottubru 2004**[18] il-Qorti qalet hekk **-**

*"Illi, kif ġie deċiż minn dawn il-Qrati għadd ta' drabi, il-kontumaċja m'għandhiex titqies bħala stqarrija jew ammissjoni min-naħa tal-imħarrek għal dak li jkun qiegħed jintalab jew jiġi allegat kontrih mill-parti attriċi: għall-kuntrarju, il-kontumaċja tqieset bħala kontestazzjoni, u l-bdil li sar fil-ligi procedurali fl-artikolu 158 bl-Att XXIV tal-1995 jidher li jtenni din il-fehma."*

Kompla jingħad hekk fil-każ **Carmel Schembri et vs Doriane Zerafa deċiż fit-12 ta' Lulju 2001**[19] –

*"Illi huwa prinċipju bażilari fil-ġurisprudenza nostrali li min jallega fatt għandu l-oneru tal-prova tiegħu, u applikat dan il-prinċipju għall-każ odjern ifisser li l-atturi għandhom il-piż li jippruvaw li l-konvenuta kienet responsabbli tal-inċident tal-1 ta' Novembru 1997 f'Triq Gużè Pace, il-Ħamrun, meta il-minuri Anthony Schembri safa' investit mill-karozza BAT-563.*

*Illi dan l-istess atturi għandhom l-oneru li jagħmluh nonostante li l-konvenuta baqgħet kontumaċi, stante li l-kontumaċja ma hijiex ammissjoni iżda opposizzjoni, u għalhekk xorta l-atturi jridu jipprovaw l-allegazzjonijiet minnhom vantanti u partikolarment li l-inċident de quo ġara minħabba negliġenza da parte tal-istess konvenuta."*

B'hekk, anke fir-rigward tal-kontumaċja l-liġi u r-regoli proċedurali jipprovdu s-salvagwardji meħtieġa sabiex jiggarantixxu smigħ xieraq anke lill-konvenuti kontumaċi b'dana li jekk l-atturi ma jippruvawx it-talbiet tagħhom sal-grad rikjest mill-liġi allura l-Qorti tgħaddi biex tiċħad it-talbiet. Il-kontumaċja ma twassalx għalhekk għall-*'walkover'* li jsemmu r-rikorrenti. Tfakkar ukoll il-Qorti li hi obbligata *ex lege* tagħti lil konvenut kontumaċi żmien li ma jiġġeditx[20]

[18] Ċit 1761/01
[19] Ċit 2446/98
[20] Artikolu 158(10) tal-Kap 12.

biex jagħmel is-sottomissjonijiet tiegħu, allura anke jekk kontumaċi xorta jiġi mogħti opportunita' jsemma' leħnu, altro che' *walkover*.

Għar-raġunijiet suesposti sejra tiġi respinta t-talba tar-rikorrenti safejn bażata fuq ksur tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni.

**(Ċ) <u>Allegazzjoni ta' ksur tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u tal-ewwel artikolu tal-ewwel protokol tal-Konvenzjoni</u>**

Ir-rikorrenti jippremettu li d-dar tagħhom numru 201, St Helen Street, Sliema ser tinbiegħ b'subbasta u għalhekk għaliha japplika l-artiklu 319 (5) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta li jippermetti l-bejgħ ta' post b'inqas mill-valur tiegħu fis-suq. Huma jargumentaw li dan l-artiklu tal-liġi, li bih proprjerta' tista' tinbiegħ anke b'60% tal-valur tagħha, huwa leżiv tad-drittijiet fundamentali tagħhom kif protetti bl-artiklu 37 tal-Kostituzzjoni u tal-ewwel artikolu tal-ewwel protokol tal-Konvenzjoni. Bħala rimedju huma qegħdin jitolbu t-tħassir tas-subbasta in kwistjoni.

Mill-atti tal-proċeduri ta' subbasta Nru 34/16 jirriżulta li –

- B'rikors datat 19 ta' Mejju 2016 is-soċjeta' AC Fuels Ltd premettiet li hija kienet ġiet kanonizzata kreditriċi tar-rikorrenti odjerni fis-somma ta' €180,352.28 flimkien mal-imgħaxijiet relattivi bis-saħħa tal-kawża Rik Nru 272/15. Hija ppremettiet ukoll li sa dakinhar li ntavolat ir-rikors imsemmi d-debitu inkluż l-interessi kien jammonta għal €221,406.20 oltre imgħaxijiet ulterjuri sal-pagament effettiv. Peress li l-konjuġi Schembri huma sidien tal-fond 201, St Helen Street, Sliema, s-soċjeta' talbet lill-Qorti sabiex in eżekuzzjoni tas-sentenza tal-14 ta' Diċembru

2015 hija tordna l-ħruġ ta' Mandat ta' Qbid ta' Ħwejjeġ Immobbli tal-fond imsemmi;

- B'digriet datat 25 ta' Mejju 2016 il-Qorti laqgħet it-talba u ordnat il-bejgħ bl-irkant tal-fond imsemmi u tat il-provvedimenti opportuni ai termini tal-artikolu 306 tal-Kap 12. Ġiet iffissata data għall-bejgħ bl-irkant li sussegwentement ġiet posposta minħabba li l-bejgħ ma sarx.

Fil-frattemp, fit-23 ta' Frar 2018 il-konjuġi Schembri ressqu talba (Rik 177/18) permezz ta' liema talbu lill-Qorti sabiex tordna s-sospensjoni tas-subbasta msemmija stante li kienu ġew il-proċeduri kostituzzjonali odjerni. Fl-4 ta' Ġunju 2019 Anthony Schembri ppreżenta rikors ieħor fejn talab li pendenti l-eżitu tal-kawża kostituzzjonali l-Qorti tirdna s-sospensjoni tas-smiegħ tal-proċeduri fl-atti tas-subbasta, liema talba ġiet milqugħa fid-29 t'Ottubru 2019.

**L-artikolu 319(5) tal-Kap 12** impunjat mir-rikorrenti u li jipprovdi dwar il-ftugħ tal-bejgħ fl-irkant jgħid hekk -

*"L-ebda offerta ma tista' tiġi aċċettata jekk tkun inqas minn sittin fil-mija (60%) tal-valur li bih l-oġġett mobbli, l-immobbli jew l-azjenda kummerċjali jkun ġie stmat:*

*Iżda jekk ma ssir l-ebda offerta li tkun għallinqas ekwivalenti għal sittin fil-mija (60%) tal-valur li bih l-oġġett mobbli, l-immobbli jew l-azjenda kummerċjali jkun ġie stmat, il-kreditur jista' jitlob li l-oġġett mobbli, l-immobbli jew l-azjenda kummerċjali jerġgħu jitqiegħdu għall-irkant pubbliku:*

*Iżda dan is-subartikolu m'għandux jgħodd għal bastimenti u bċejjeċ tal-baħar oħra li jkunu aktar minn għaxar metri fit-tul."*

**L-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni** jgħid hekk -

*"(1) Ebda proprjetà ta` kull xorta li tkun ma għandu jittieħed pussess tagħha b`mod obbligatorju, u ebda nteress fi jew dritt fuq proprjetà ta` kull xorta li tkun ma għandu jiġi miksub b`mod obbligatorju, ħlief meta hemm disposizzjoni ta` liġi applikabbli għal dak itteħid ta` pussess jew akkwist –*

*(a) għall-ħlas ta` kumpens xieraq;*

*(b) li tiżgura lil kull persuna li tippretendi dak ilkumpens dritt ta` aċċess lil qorti jew tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b`liġi sabiex jiġi deċiż l-interess tagħha fi jew dritt fuq il-proprjetà u lammont ta` kull kumpens li għalih tista` tkun intitolata, u sabiex tikseb ħlas ta` dak il-kumpens; u*

*(c) li tiżgura lil kull parti fi proċeduri f`dik il-qorti jew tribunal dwar pretensjoni bħal dik dritt ta` appell mid-deċiżjoni tagħha lill-Qorti tal-Appell f`Malta:*

*Iżda f`każijiet speċjali l-Parlament jista`, jekk hekk jidhirlu xieraq li jagħmel fl-interess nazzjonali, b`liġi jistabbilixxi l-kriterji li għandhom jitħarsu, magħduda l-fatturi u ċ-ċirkostanzi l-oħra li għandhom jitqiesu, biex jiġi stabbilit il-kumpens li għandu jitħallas dwar proprjetà li jittieħed pussess tagħha jew li tiġi akkwistata b`mod obbligatorju; u f`kull każ bħal dak il-kumpens għandu jiġi iffissat u għandu jitħallas skont hekk.*

*(2) Ebda ħaġa f`dan l-artikolu ma għandha tiftiehem li tolqot l-egħmil jew ħdim ta` xi liġi safejn tipprovdi għat-teħid ta` pussess jew akkwist ta` proprjetà –*

*(a) bi ħlas ta` xi taxxa, rata jew drittijiet;*

*(b) bħala penali għal, jew bħala konsegwenza ta`, ksur tal-liġi, sew jekk bi proċeduri ċivili jew wara dikjarazzjoni ta` ħtija ta` reat kriminali;*

*(c) wara l-attentat ta` tneħħija tal-proprjetà barra minn jew ġewwa Malta bi ksur ta` xi liġi;*

*(d) bħala teħid ta` kampjun għall-finijiet ta` xi liġi;*

*(e) meta l-proprjetà tikkonsisti f`annimal meta jiġi misjub f`art ħaddieħor jew mitluf;*

*(f) bħala inċidentali għal kirja, liċenza, privileġġ jew ipoteka, mortgage, dritt, bill of sale, pleġġ jew kuntratt ieħor;*

*(g) bħala l-għoti jew l-amministrazzjoni ta` proprjetà għan-nom u għall-benefiċċju tal-persuna ntitolata għall-interess benefiċjarju fiha, proprjetà fi trust, proprjetà tal-għadu jew il-proprjetà ta` persuni dikjarati falluti b`sentenza jew xort`oħra dikjarati falluti jew insolventi, persuni ta` moħħ marid, persuni*

*mejta, jew għaqdiet korporati jew mhux korporati fil-kors ta` stralċ jew likwidazzjoni;*

*(h) fl-esekuzzjoni ta` sentenzi jew ordnijiet ta` qrati;*

*(i) minħabba li tkun fi stat perikoluż jew ta` ħsara għas-saħħa tan-nies, annimali jew pjanti;*

*(j) bħala konsegwenza ta` xi liġi dwar ilpreskrizzjoni ta` azzjonijiet, preskrizzjoni akkwiżittiva, art abbandunata, teżor misjub, manumorta jew iddrittijiet ta` suċċessjoni kompetenti lill-Gvern ta` Malta; jew*

*(k) għal dak iż-żmien biss sakemm ikun meħtieġ għall-finijiet ta` xi eżami, investigazzjoni, kawża jew inkjesta jew, fil-każ ta` art, l-egħmil fuqha –*

*(i) ta` xogħol ta` konservazzjoni ta` ħamrija jew ilkonservazzjoni ta` risorsi naturali oħra ta` kull xorta jew ta` rikostruzzjoni ta` ħsara tal-gwerra; jew*

*(ii) ta` żvilupp jew titjib agrikolu li s-sid jew okkupant tal-art ikun ġie mitlub, u jkun mingħajr skuża raġonevoli u legali rrofta jew naqas li jagħmel.*

*(3) Ebda ħaġa f`dan l-artikolu ma għandha tiftiehem li tolqot l-egħmil jew ħdim ta` xi liġi safejn tipprovdi għall-għoti lill-Gvern tal-proprjetà ta` xi minerali, ilma jew antikitajiet ta` taħt l-art.*

*(4) Ebda ħaġa f`dan l-artikolu ma għandha tiftiehem li tolqot l-egħmil jew ħdim ta` xi liġi għat-teħid ta` pussess obbligatorju fl-interess pubbliku ta` xi proprjetà, jew l-akkwist obbligatorju fl-interess pubbliku u ta` xi interess fi jew dritt fuq proprjetà, meta dik il-proprjetà, interess jew dritt huwa miżmum minn għaqda korporata li hija mwaqqfa għal skopijiet pubbliċi minn xi liġi u li fiha ebda flejjes ma ġew investiti barra minn flejjes provduti minn xi leġislatura f`Malta."*

**L-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni** jipprovdi hekk –

*"Kull persuna naturali jew persuna morali għandha d-dritt għat-tgawdija pacifika tal-possedimenti tagħha.*

*Ħadd ma għandu jiġi pprivat mill-possedimenti tiegħu ħlief fl-interess pubbliku ġu bla ħsara tal-kundizzjonijiet provduti bil-liġi u bil-prinċipji ġenerali tal-liġi internazzjonali.*

*Iżda d-disposizzjonijiet ta` qabel ma għandhom b`ebda mod inaqqsu d-dritt ta` Stat li jwettaq dawk il-liġijiet li jidhrulu xierqa biex **jikkontrolla l-użu tal-***

***proprjeta`** skond l-interess ġenerali jew biex jiżgura l-ħlas ta` taxxi jew kontribuzzjonijiet oħra jew pieni.".*

Il-Qrati tagħna diġa' kellhom l-opportunita' li jiskrutinjaw dan l-artikolu tal-liġi fil-kuntest ta' lment simili għal dak tar-rikorrenti fil-kuntest tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-ewwel artikolu tal-ewwel protokol tal-Konvenzjoni. Fil-każ **Sebastiano Guccione et vs Avukat Ġenerali et deċiż fis-27 ta' Marzu 2020** il-Qorti Kostituzzjonali, filwaqt li rrevokat is-sentenza tal-ewwel Qorti u ddikjarat l-artikolu 319(5) tal-Kap 12 huwhiex leżiv tad-drittijiet fundamentali ai termini tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-ewwel artikolu tal-ewwel protokol tal-Konvenzjoni -

*"46. Għandu hawn jiġi kkunsidrat sew dak li qalet l-ewwel Qorti mingħajr ma wieħed jislet dak li hu rilevanti biss għalih. L-ewwel Qorti fir-rigward tad-deċiżjoni tal-Qorti Ewropea fil-każ fl-ismijiet **Mindek v. Croatia** tgħid li inter alia il-Qorti Ewropea kkonsidrat li l-proprjeta` tal-applikant inbiegħet mill-kreditur tiegħu għal terz tal-valur reali u hawn tiċċita parti minn dik id-deċiżjoni fejn saħansitra hu ċar li l-applikant f'dak il-każ kien ħallas id-debitu prinċipali. Għalhekk ma jistax jingħad li l-ewwel Qorti ma ħaditx in konsiderazzjoni dan il-fattur tal-aħħar iżda dan għamlitu fil-kuntest tal-bejgħ tal-proprjeta` għal terz mill-valur tagħha. Minn hemm l-ewwel Qorti għaddiet sabiex ikkunsidrat li l-Qorti Ewropea ma kinitx sabet leżjoni fil-każ fl-ismijiet **Rousk v. Sweden** u ċitat dik il-parti tas-sentenza fejn il-Qorti Ewropea kkonsidrat li l-applikant ma kienx ipproduċa provi speċifiċi biex juri li l-valur stabbilit ma kienx korrett jew preċiż u li qabel ma saret l-offerta finali ta' 80% tal-prezz l-awtorita` tal-enforzar kienet skartat l-ewwel offerti li kienu saru għaliex l-aħħar offerta kienet baxxa wisq. L-ewwel Qorti hawn żiedet l-enfazi tagħha fuq il-kliem "to 80% of the estimated market value" u "this must be considered to be within an acceptable margin, not raising an issue under Article 1 of Protocol No.1". Għalhekk ma*

*jidhirx li l-ewwel Qorti ntilfet fil-fatti mhux rilevanti għall-każ odjern, anzi għall-kuntrarju siltet punt importanti. Fl-ebda ħin ma ddikjarat, kif qed jiġi suġġerit, li l-Qorti Ewropea stabbilit il-prezz minimu li għandha tinbiegħ proprjeta` f'subbasta fil-perċentwali ta' 80% tal-valur. Din il-Qorti pero` ma taqbilx li jekk wieħed isegwi l-linja meħuda mill-Qorti Ewropea fid-deċiżjoni* ***Rousk v. Sweden*** *jasal għall-konklużjoni li permezz ta' dik id-deċiżjoni, ġie stabbilit li 80% kien aktar xieraq u mhux leżiv tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni. Fl-istess sentenza il-Qorti Ewropeja qalet li ;*

*"108. The Court reiterates that Article 1 of Protocol No. 1 guarantees in substance the right to property. It contains three distinct rules which have been frequently repeated in the Court's case-law since being set out in the case of Sporrong and Lönnroth v. Sweden (judgment of 23 September 1982, § 61, Series A no. 52):*

*"... The first rule, which is of a general nature, enounces the principle of peaceful enjoyment of property; it is set out in the first sentence of the first paragraph. The second rule covers deprivation of possessions and subjects it to certain conditions; it appears in the second sentence of the same paragraph. The third rule recognises that the States are entitled, amongst other things, to control the use of property in accordance with the general interest, by enforcing such laws as they deem necessary for the purpose; it is contained in the second paragraph.*

…. …

*"113. Consequently, an interference with the peaceful enjoyment of possessions must strike a fair balance between the demands of the general interests of the community and the requirements of the protection of the individual's fundamental rights. The concern to achieve this balance is reflected in the structure of Article 1 of Protocol No. 1 as a whole. The requisite balance will*

*not be found if the person concerned has had to bear an individual and excessive burden (see, among other authorities, Sporrong and Lönnroth, cited above, §§ 69 and 73). In other words, there must be a reasonable relationship of proportionality between the means employed and the aim sought to be realised (see, for instance, James and Others, cited above, p. 34, § 50)*

*"114………However, the Court observes that the documents submitted by the applicant in support of his claim are not sufficiently specific to substantiate that the evaluation of the market value of his property by an independent company in July 2003 was incorrect or inaccurate. Moreover, it notes that the Enforcement Authority rejected a first round of bidding, as the final bid was considered too low, and that in the second round of bidding, the final bid which was accepted amounted to 80% of the estimated market value. To the Court, taking into account also the higher risk for the buyer of the property under these circumstances compared to a sale on the open market, this must be considered to be within an acceptable margin, not raising an issue under Article 1 of Protocol No. 1".*

*47. Il-Qorti taqbel mal-konsiderazzjoni li għamel il-Bank u cioe` jinsisti li għandu jkun hemm bilanċ fil-konfront ta' kull parti. Wara kollox, jekk il-Bank ghalaq ghajn u dam ma pproċċeda legalment, din kienet għażla tiegħu u llum bl-ebda mod ma jista' jiġi permess xi ksur tad-drittijiet fondamentali tad-debitur minħabba dik l-għażla. Dan anzi seta' ta aktar ċans lir-rikorrenti biex jirregolaw is-sitwazzjoni tagħhom u jista' jingħad ukoll fir-rigward tal-aġir da parti tar-rikorrenti debituri li allegatament tawlu ż-żmien mogħti lilhom għall-ħlas tad-debitu u sabiex jiżgumbraw mill-fond. Fis-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet* ***Anthony Debono nomine v Prim Ministru*** *(28 ta' Ġunju 1984) kien intqal addirittura li d-debitur fuq kollox seta' jevita' dawn il-proċeduri kieku ħallas dak li kien dovut!*

*48. M'hemmx dubbju li kif sewwa tghid l-ewwel Qorti, l-indħil fid-dritt fondamentali tar-rikorrenti li permezz tiegħu saret l-esekuzzjoni tat-titolu eżekuttiv tal-kredituri fuq il-fond proprjeta` tar-rikorrenti debituri, u wkoll fejn tali fond inġab għall-bejgħ permezz tas-subbasta, sar skont il-liġi viġenti. Ukoll ċar hu l-fatt li l-iskop wara l-indħil hu wieħed leġittimu, jiġifieri sabiex l-Istat jassigura li hemm rimedju għall-kreditur fl-eventwalita` li d-debitur jiddekadi mill-obbligu tal-ħlas. Hawn il-Qorti ma ssibx li l-argumenti tal-intimati għandhom iwassluha biex tgħid illi d-drittijiet fundamentali tagħhom bħala kredituri mhumiex suffiċjentement salvagwardjati. F'dan l-isfond għandu jiġi applikat il-prinċipju ta' proporzjonalita` għaliex għalkemm kif sewwa għal darb'oħra tosserva l-ewwel Qorti d-debitur ma jitħalliex mil-leġislatur li jaħrab mill-obbligi tiegħu, dak il-leġislatur għandu l-obbligu li jassigura li l-istess tħares id-drittijiet fondamentali tal-kreditur ukoll. Pero` għalkemm din il-Qorti tqis li l-prezz minimu għall-bejgħ ta' immobbli permezz tal-proċedura tas-subbasta kif stabbilit mis-subartikolu 319(5) tal-Kap. 12 fil-perċentwali ta' 60% mill-valur reali tal-immobbli mhux dejjem jiggarantixi kumpens xieraq lir-rikorrenti, fl-istess ħin il-konsiderazzjoni ta' min joffri jistgħu iwasslu diversi offerenti potenzjali milli joqogħdu lura u ma joffrux – dan ħafna drabi fil-prattika jwassal lill-kreditur li jixtri l-proprjeta` hu. L-intimati jressqu diversi argumenti għaliex dan il-prezz hu wieħed ġustifikat fil-konfront tal-kreditur. Il-Bank jgħid li llum is-sitwazzjoni hi tali li l-kreditur qed ikollu jixtri l-immobbli hu stess bil-problemi kollha tagħha, u b'hekk jitħallas ta' lanqas parti mid-debitu. Huwa minnu li ġeneralment dik l-immobbli tkun mgħobbija b'debiti u difetti maħluqa mid-debitur stess għalkemm il-Bank ma jkompliex jispjega u jgħid kif dan hu hekk fil-każ odjern. Huwa ukoll fatt li l-argumenti tar-rikorrenti jekk imġebbed oltre miżura, jistgħu iwasslu għal abbużi da parti ta' debituri li kif stabbilit mis-sentenza appellata addirittura ippremjat lill-istess debituri. F'dan il-każ ukoll, li hu żgur hu li d-debituri għadhom jokkupaw il-fond u dan fih innifsu ibiegħed offerenti potenzjali.*

*49. Għal dawn ir-raġunijiet din il-Qorti ssib li fil-każ odjern tal-appellanti dwar proporzjonalita` u bilanċ ta' drittijiet huma ġustifikati u qiegħda għalhekk tilqagħhom."*

Il-Qorti tikkondividi pjenament ma' dan ir-raġunament.

Huwa l-obbligu tal-leġislatur li jilħaq bilanċ bejn id-drittijiet tal-kreditur u tad-debitur. Il-Qorti hija tal-fehma li kwalunkwe nterferenza fl-eżerċizzju tad-drittijiet tad-debituri konjuġi Schembri permezz tal-artikolu 319 (5) tal-Kap 12 hija waħda leġittima. Mill-mod kif inhu redatt dan l-artikolu huma salvagwardjati kemm id-drittijiet tagħhom bħala debituri għax il-bejgħ ma jistax isir b'inqas mill-minimu ta' 60% tal-valur tal-proprjeta' - liema perċentwal huwa wieħed raġjonevoli - u huma salvagwardjati wkoll id-drittijiet tal-kredituri sabiex jitħallsu dak li hu dovut lilhom. Għalhekk il-prinċipju tal-proporzjonalita' huwa wkoll rispettat.

Għaldaqstant anke din il-lanjanza sejra tiġi respinta.

Isegwi li t-talbiet tar-rikorrenti ma ġewx pruvati u sejrin jiġu kollha miċħuda.

Għall-istess raġunijiet, il-bqija tal-eċċezzjonijiet tal-intimati sejrin jintlaqgħu safejn kompatibbli ma' dak appena deċiż.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi –**

1. **Tiċħad l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-Avukat Ġenerali u tiċħad l-ewwel u t-tielet eċċezzjoni preliminari tas-soċjeta' ntervenuta filwaqt li tilqa' l-bqija tal-eċċezzjonijiet rispettivi tagħhom safejn kompatibbli ma' dak deċiż fis-sentenza;**

2. **Tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjeż kontra tagħhom.**

**Onor Dr. Miriam Hayman**

**Imħallef**

**Victor Deguara**

**Deputat Reġistratur**